**Diskors tal-Perit Andre Pizzuto,**
**President tal-Kamra tal-Periti,**
**waqt iċ-ċerimonja tal-iffirmar**
**ta' MOU bejn il-KTP u l-BCA dwar**
**il-Kodiċi tal-Bini u Kostruzzjoni**

28/02/2025

Onorevoli Ministru, Sinjuri,

Bħal dan iż-żmien sena ilu, ġara inċident ta' kostruzzjoni ieħor li forsi laħaq telaq mill-memorja kollettiva ta' ħafna bħalma jiġri spiss. F'soċjetà ibbumbardjata kontinwament b'aħbarijiet u distrazzjonijiet, huwa faċli li wieħed jinsa ċertu ġrajjiet li fil-mument li seħħew kienu qajmu furur u għagħa kbir, għal ftit ġranet.

Fis-sitta ta' Frar tal-2024 madwar is-siegħa u nofs ta' waranofsinhar ċediet faċċata ġo Triq Belvedere l-Gżira. Faċċata tal-ġebel għolja żewġ sulari, u scaffolding armat quddiem din il-faċċata miksija bid-drapp biex jilqa' t-trab inqelbu bħal mazz karti għal fuq il-karozzi li kien hemm fit-triq.

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta
t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org
Kamra tal-Periti

Xhud li kien preżenti meta seħħ l-inċident osserva "L-agħar ħaġa li kważi m'inix sorpriż li ġara dan l-inċident għax donnu qed jiġri kullimkien."

Kif għidt qabel, dan l-inċident intilef qalb id-diversi stejjer li jitilgħu fuq in-newsfeed tal-mobile tagħna kontinwament. Id-dettalji jiċċajpru, u l-memorja titħassar.

Li ma jitħassarx, iżda hija l-perċezzjoni negattiva li għandha l-industrija tagħna li għal darb'oħra ġiet assoċjata ma' inċidenti gravi li fortunatament ma ħallietx vittmi.

Għalkemm inċident li ma kienx fatali kompla jikkonferma l-opinjoni ħażina li tgawdi l-industrija tal-kostruzzjoni. Tkompli żżid il-biża' u n-nuqqas ta' fiduċja fina kollha. Fl-atturi kollha ta' din l-industrija indistintament minn kemm għandhom tort personalment. Il-ħtija tintefa' fuq l-industrija b'mod kollettiv. Ġustament, inżid jien.

Huwa għalhekk daqstant ġust li dawn l-istess atturi tal-industrija jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-pubbliku, billi jingħaqdu f'għan wieħed: dak li ngħollu l-livell f'kull ma qegħdin nagħmlu – jekk hux diżinn, jekk hux xiri ta' makkinarju, jekk hux miżuri biex neliminaw l-inkonvjenti, jekk hux ħarsien u taħriġ aħjar għall-ħaddiema tagħna, kemm ukoll jekk hux ħruġ ta' permessi f'waqthom u f'lokhom, u infurzar adegwat.

Huwa f'dan l-ispirtu li l-Kamra tal-Periti u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iżvilupp resqu lejn xulxin u ffurmaw il-Kunsill Nazzjonali tal-Bini sabiex jindirizza qabel kollox il-qasma li kien hemm fl-industrija. Qasma li żammet l-industrija lura milli tavvanza u tagħmel ir-riformi li huma tant meħtieġa.

Bi pjaċir ngħid illi llum il-qasma nista' ngħid li għalqet u li kollaborazzjoni u l-komunikazzjonijiet estendiet ukoll għal għaqdiet oħra fis-settur, b'mod partikolari l-Assoċjazzjoni tal-Bennejja u Kuntratturi, kif ukoll il-Kamra tal-Inġinieria, il-MEDRA, u anke oħrajn li m'humiex hawn illum.

Ftit inqas minn sena ilu, ġie ippubblikat r-rapport tal-inkjesta pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia. Vittma innoċenti li tilef ħajtu frott l-inadegwatezza generali tal-industrija u tar-regolamentazzjoni tagħha.

Ftit jiem oħra, infakkru ukoll it-telfa ta' vittma oħra innoċenti – Miriam Pace. Mara li kienet diġa tgħix fil-biża' tas-settur tagħna meta kienet ħajja kif werew diversi messaġġi li kienet bagħtet lit-tifla tagħha fil-jiem qabel l-inċident traġku, li wassal biex hi kellha tkun il-vittma ta' operaturi fl-industrija tagħna.

Huwa opportun illi naġġorna lill-membri tal-media dwar il-proċess ta' kondotta professjonali tal-Kamra fuq iż-żewġ periti involuti fil-mewt ta' Miriam Pace. L-istadju ta' provi ingħalaq is-sajf li għadda, u l-Kunsill wasal għall-deċiżjoni dwar il-mertu. Bħalissa qiegħda tinkiteb is-sentenza li kif tistgħu

timmaġinaw ser tiġbor ammont sostanzjali ta’ provi u xhieda, u tispjega l-motivazzjonijiet tal-Kunsill fid-dettal. Is-sentenza għandha tiġi ppubblikata fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-memorja kollettiva taf tintilef jew tiċċajpar dwar ċertu inċidenti mal-mogħdija taż-żmien. Iżda ma hemm ebda dubju li għall-vittmi u l-qraba tagħhom, dawn l-inċidenti jibqgħu ħajjin fil-memorja tagħhom tul ħajjithom.

Huwa għalihom, l-iktar, li jeħtieġ li l-ftehim li qed jiġi ffirmat illum bejn il-Gvern u l-istakeholders tal-industrija jwassal sabiex l-inċidenti jsiru avveniment rari. Iżjed minn hekk jeħtieġ li ma nieqfux fuq din l-ambizzjoni tant bżonnjuża iżda tant bażika. Hemm bżonn li nipprijorizzaw ukoll il-mitigazzjoni tal-impatti tal-industrija tal-kostruzzjoni, b’mod partikolari fuq it-tibdil fil-klima. Fuq kollox irid ikollna ambizzjoni u viżjoni ċara ta’ fejn irrid naslu.

U proprju għalhekk li l-Kamra tal-Periti ħarġet dokument – A Modern Building and Construction Framework for Malta – li artikolat b’mod iddettaljat dak li jeħtieġ isir. L-ambizzjoni u l-viżjoni tal-Kamra mitbugħ f’dan il-ktieb, bl-iffirmar ta’ dan il-ftehim issa ser isir l-ambizzjoni u l-viżjoni tal-Gvern u l-istakeholders kollha tal-industrija.

U hawnhekk nixtieq nirringrazzja b'mod partikolari lill-Ministru Jonathan Attard tar-relazzjoni kostruttiva u pożittiva li bena mal-Kamra tal-Periti kemm ilu responsabbli minn dan is-settur. Il-komunikazzjoni u l-laqgħat kontinwi miegħu, mal-membri tas-segretarjat tiegħu, mas-CEO l-Perit Roderick Bonnici u l-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni immexxija mill-Perit Simon Salibas, għamlu differenza kbira f'dan l-aħħar xhur sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta pubblika kollha jiġu attwati fl-iktar żmien qasir possibli, iżda mingħajr għaġla għamja li taf twassal għall-iżbalji.

Nixtieq nirringrazja lill-Gvern b'mod partikolari iżda tal-fiduċja li qegħdin juru fil-Kamra tal-Periti u fija bħala l-President tagħha. Huwa tassew unur li niġu fdati b'dan il-kompitu tant importanti u delikat.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-kollegi tiegħi fil-Kunsill, b'mod partikolari l-Perit Ivynne Grixti li huwa determinanti fix-xogħol kollu li qiegħda tagħmel il-Kamra, b'mod partikolari f'dan l-ambitu.

Finalment nixtieq nirringrazzja lill-istakeholders kollha hawn preżenti talli kollha kemm huma laqgħu mingħajr riżervi l-proposta tal-Gvern li l-Kamra tmexxi l-proċess ta' kitba ta' dawn il-Kodiċi. Nirringrazzjakom mill-ġdid tal-fiduċja.

Ser nagħmlu minn kollox biex l-aspettattivi li qegħdin tpoġġu fuqna nonorawhom bl-aħjar mod.

Grazzi mill-ġdid.